OMBUDSMAN

MALTA

**Każ Nru CEDUC-22-2985**

10 ta' Lulju 2023

L-Onor Dott Angelo Farrugia
Speaker
Kamra tad-Deputati
Parlament ta' Malta
Pjazza Ħelsien
Il-Belt Valletta VLT 1111

Onorevoli Speaker

Fit-termini tal-Artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman qegħdin nibgħatu kopja tal-Opinjoni Finali, flimkien ma' dan ir-*resumé* tal-każ u korrispondenza oħra relevanti, biex jinġiebu għall-attenzjoni tal-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra u biex jitpoġġew fuq il-mejda tal-Kamra għall-attenzjoni tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati. Dan ir-Rapport sar wara investigazzjoni kondotta dwar l-ilment miġjub mis-[omissis].

**Resumé**

L-ilment jirrigwarda s-sitwazzjoni inġusta li ġiet kreata fil-konfront tal-persuna hawn aktar 'l fuq imsemmija wara li d-Dipartiment tal-Edukazzjoni biddel il-prassi dwar il-ħlas ta' *allowances* lil min isegwi b'suċċess il-kors universitarju fil-*Maltese proofreading*, u dan kif spjegat fil-paragrafi 5 sa 8 tal-Opinjoni Finali (kopja annessa).

Opinjoni *interim* kienet ġiet komunikata lill-Ministeru konċernat fis-7 ta' Diċembru 2022; u fid-29 ta' Mejju 2023 ġie infurmat bil-każ il-Prim Ministru kif titlob il-liġi.

Peress li sal-lum l-Uffiċċju tal-Ombudsman ġie infurmat biss li l-Ministeru għadu qed jaħdem fuq il-każ (ara ittra annessa tal-31 ta' Mejju 2023), qed jippreżentawlek dan ir-rapport għall-konsiderazzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

Insellu għalik

Joseph Zammit McKeon
Ombudsman

Vincent A De Gaetano
Kummissarju għall-Edukazzjoni

Office of the Ombudsman | 11, St Paul Street, Valletta VLT 1210, Malta
Phone: +356 2248 3210 | Fax: +356 2124 7924 | Email: office@ombudsman.org.mt
www.ombudsman.org.mt